IL-KUMMISSJONI EWROPEA

# #AskThePresident u #SpaceChat – Termini u kundizzjonijiet

## Eliġibbiltà

1. Il-parteċipazzjoni hija miftuħa biss għal individwi li jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom. Kwalunkwe entrata mibgħuta minn ġurnalisti u rappreżentanti tal-media mhux se tiġi kkunsidrata.
2. Il-parteċipanti li għandhom inqas minn 18-il sena jrid ikollhom awtorizzazzjoni tal-ġenituri.

## Regoli tad-dħul

3. Il-parteċipanti jridu jibagħtu filmati mhux itwal minn 30 sekonda.
4. Il-parteċipanti jridu jixxerjaw l-entrati fuq Instagram permezz ta’ stories, feed posts u Messaġġi Diretti, permezz ta' Facebook Messenger, permezz ta’ Twitter jew billi jibagħtu email lil COMM-SOCIAL-MEDIA-TEAM@ec.europa.eu.
5. Il-parteċipanti jridu jittaggjaw lill-Kummissjoni Ewropea fuq dawn il-pjattaformi.
6. Kull parteċipant jista’ jibgħat kemm irid filmati.
7. Il-parteċipanti li għandhom inqas minn 18-il sena jridu jżidu awtorizzazzjoni tal-ġenituri ffirmata ma’ kull filmat li jibagħtu.
8. Il-parteċipanti magħżula jridu jaċċettaw l-istqarrija ta’ privatezza u jimlew il-formola ta’ kunsens biex ikunu eliġibbli.

## Kundizzjonijiet

9. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal filmati li jintilfu, jiġu korrotti, jew jintbagħtu ħażin, jiġri kif jiġri dan.
10. Il-Kummissjoni Ewropea fl-ebda ċirkostanza mhi se tkun responsabbli għal kwalunkwe telf, ħsara, dannu jew korriment personali tal-parteċipanti jew tal-partijiet terzi u lanqas għal proprjetà, ikkawżata jew imġarrba b’rabta mar-reġistrazzjoni u s-sottomissjoni tal-mistoqsija b’filmat.
11. Il-Kummissjoni ma tista' tinżamm responsabbli għall-ebda spiża mġarrba mill-parteċipanti biex jieħdu sehem f’dan l-eżerċizzju.

## Skeda taż-żmien

12. Se jiġi ddefinit tul ta’ żmien speċifiku biex jintbagħtu l-mistoqsijiet fuq il-posts ta’ Facebook, Instagram u Twitter u l-parteċipanti magħżula se jiġu kkuntattjati ftit wara l-iskadenza għas-sottomissjonijiet.

## Kriterji tal-għażla

13. Il-kriterji tal-għażla se jkunu: l-aderenza mat-Termini u l-Kundizzjonijiet, il-kwalità tal-filmat u r-rilevanza tal-mistoqsija.
14. L-għażla se ssir minn panel magħmul minn staff tal-Kummissjoni Ewropea f’isem il-Kummissjoni Ewropea abbażi tal-kriterji tal-eliġibbiltà u tad-dħul u se jagħżel il-ħames kontributi l-aktar b’saħħithom. Se nikkuntattjaw lill-ħames parteċipanti u se nitolbuhom jaqblu mal-istqarrija tal-privatezza tal-protezzjoni tad-*data* u ma’ dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet.

## Ħlasijiet

15. Il-Kummissjoni Ewropea jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra li topera f'isimha, fl-ebda mument mhi se titlob xi forma ta' ħlas jew xiri għall-parteċipazzjoni f'dan l-eżerċizzju.
16. Il-parteċipanti huma kollha responsabbli għal kwalunkwe nefqa jew spiża li jistgħu jġarrbu b'riżultat tal-parteċipazzjoni billi jirrekordjaw u jibagħtu filmat (inkluża kwalunkwe spiża għall-aċċess tal-Internet).

## Aċċettazzjoni tar-regoli

17. Is-sottomissjoni ta' entrata tikkostitwixxi l-aċċettazzjoni tat-Termini ta' Użu ta' Instagram, Facebook u Twitter.
18. Billi jibagħtu entrata, il-parteċipanti jaqblu li jiġu kkuntattjati mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' Instagram, Facebook, Twitter jew bl-email.
19. Il-Kummissjoni Ewropea tirriżerva d-dritt li temenda jew tbiddel dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet fi kwalunkwe mument, mingħajr avviż u timpenja ruħha li taġġornahom fil-paġna web iddedikata. Hi r-responsabbiltà tal-parteċipant li jikkonsulta t-Termini u l-Kundizzjonijiet b'mod regolari fl-indirizz imsemmi qabel biex isir jaf bi kwalunkwe bidla.

## Skwalifika

20. L-entrati li ma jikkonformawx mat-Termini u l-Kundizzjonijiet elenkati hawn fuq jistgħu jiġu skwalifikati mingħajr avviż minn qabel.
21. Il-parteċipanti li ma jaqblux mat-Termini u l-Kundizzjonijiet jew mal-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom jew li jirtiraw l-approvazzjoni tat-Termini u l-Kundizzjonijiet se jiġu awtomatikament skwalifikati.

## Drittijiet tal-awtur

22. Il-parteċipanti jirrappreżentaw u jiġġustifikaw li huma l-uniċi awturi u detenturi tad-drittijiet tal-kontenut/tax-xogħol tagħhom inkluż fl-entrata tagħhom (jekk ikun hemm), u li ma kisru u mhu se jiksru l-ebda dritt tal-awtur, dritt tal-privatezza, dritt tal-immaġini, jew xi dritt ieħor ta' kwalunkwe parti terza.
    Kwalunkwe evidenza ta' plaġjariżmu, li tinkludi l-użu mhux awtorizzat tal-lingwaġġ u l-ħsibijiet ta' awtur ieħor, u r-rappreżentazzjoni ta' dawn bħala tagħhom stess, tirriżulta fi skwalifika.
23. Il-parteċipanti jikkonfermaw ukoll li l-kontenut kollu hu ħieles biex jiġi rilaxxat, li jfisser li l-partijiet terzi kollha involuti li ħolqu jew ipparteċipaw, b'xi mod, għall-ħolqien tal-kontenut taw il-kunsens tagħhom minn qabel għall-użu spjegat hawn fuq.
24. Minbarra li għandhom id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati, il-parteċipanti jiddikjaraw li kkonformaw mal-liġijiet kollha rilevanti (drittijiet tal-awtur, drittijiet tal-privatezza, eċċ.) fil-produzzjoni tal-filmat tagħhom u li kisbu d-drittijiet neċessarji kollha u kisbu l-permessi neċessarji kollha. Il-parteċipanti jridu jikkunsidraw li dan jista' jinkludi x-xogħol ta' partijiet terzi (bħal disinji arkitettoniċi, skulturi, ritratti jew trademarks) jew drittijiet tal-immaġni (jekk ritratt juri persuni identifikabbli).
25. Il-parteċipanti ma jistgħux jiffilmjaw persuni privati mingħajr il-kunsens tagħhom. It-tfal għandhom bżonn awtorizzazzjoni tal-ġenituri biex jidhru fil-filmat. Jekk jibagħtu entrata, il-parteċipanti jittrasferixxu b'mod irrevokabbli bħala proprjetà dinjija tal-Unjoni Ewropea, l-entrata u d-drittijiet kollha tal-proprjetà intellettwali relatati mal-entrata. L-Unjoni Ewropea takkwista d-drittijiet esklużivi li tuża l-entrata, fejn "tuża" tfisser b'mod partikolari l-ħażna, l-arkivjar, ir-riproduzzjoni, l-editjar, il-modifika, id-distribuzzjoni, il-prestazzjoni, l-ippubblikar, l-ipprintjar, il-wiri, ix-xandir, id-disponibbiltà, il-komunikazzjoni lill-pubbliku, inkluż fuq il-media soċjali, il-ħolqien ta' xogħlijiet derivattivi, is-sinkronizzar, it-traduzzjoni jew l-użu b'xi mod ieħor tal-entrata, f'formati diġitali kif ukoll materjali.

26. L-Unjoni Ewropea takkwista wkoll id-dritt li tawtorizza l-użu mill-ġdid tal-entrata f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (2011/833/UE).
27. Il-parteċipant irid jirrinunzja wkoll id-dritt tiegħu li jiġi identifikat bħala l-awtur tal-entrata għall-finijiet tal-użu msemmi hawn fuq. Jekk jibgħat l-entrata, il-parteċipant jiġġustifika li abbażi tad-dritt morali tiegħu taħt id-drittijiet tal-awtur mhux se joġġezzjona li ismu jissemma' jew ma jissemmiex meta l-entrata tiġi ppreżentata lill-pubbliku (pereżempju meta tiġi ppubblikata fuq il-media soċjali).

## Liġi applikabbli

28. Kwalunkwe kontroversja li tikkonċerna dawn it-Termini u l-Kundizzjonijiet għandha tkun irregolata mil-liġi tal-Unjoni Ewropea, ikkumplementata fejn meħtieġ mil-liġijiet sostantivi tal-Belġju. F'każ li xi tilwima, kontroversja jew pretensjoni li tirriżulta mis-suġġett jew li għandha x'taqsam miegħu ma tkunx tista' tissolva b'mod amikevoli bejn il-Parteċipant u l-Unjoni Ewropea, għandha tiġi sottomessa lill-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati ta' Brussell.

## Protezzjoni tad-*data*

29. Din l-attività qed tiġi organizzata mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, l-Unità A1 (il-Kontrollur tad-*Data*).
30. L-informazzjoni personali kollha miġbura, jekk ikun hemm, (isem, nazzjonalità, data tat-twelid, indirizz tal-posta, indirizz tal-email, numru tat-telefon, kontijiet tal-media soċjali) se tinżamm mill-Kontrollur tad-*Data*, il-Proċessur tad-*Data* jew ir-rappreżentanti ta' fiduċja tagħhom u se tintuża biss għall-fini ta' din l-attività ta' komunikazzjoni. Din id-*data* mhux se tingħata lil partijiet terzi. Id-*data* se tinżamm sa sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' sottomissjoni u mbagħad se titħassar awtomatikament.
31. Il-Kummissjoni Ewropea hija impenjata għall-protezzjoni tad-*data* personali. Kwalunkwe *data* personali hija pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725. L-informazzjoni personali kollha pproċessata mid-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni jew il-kuntratturi tiegħu hija ttrattata skont dan. Il-parteċipanti jistgħu jikkonsultaw l-istqarrija ta' privatezza speċifika għal aktar informazzjoni rigward l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom u jeżerċitaw id-drittijiet billi jużaw id-dettalji ta' kuntatt previsti hawn.
32. Jekk il-parteċipanti jixtiequ jivverifikaw liema elementi ta' *data* personali huma maħżuna, jitolbu li jimmodifikawhom, jikkoreġuhom, jew iħassruhom, jew jekk għandhom mistoqsijiet dwar l-informazzjoni pproċessata fil-kuntest ta' din l-attività, jew dwar id-drittijiet tagħhom, għandhom jikkuntattjaw lit-tim ta' appoġġ tal-Kontrollur tad-*Data* f'dan l-indirizz: COMM-SOCIAL-MEDIA-TEAM@ec.europa.eu .
33. Jekk dan ma jkunx biżżejjed biex jissolva t-tħassib tagħhom, għandhom jikkuntattjaw lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS). Id-dettalji ta' kuntatt, u d-dettalji tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*, huma disponibbli fuq is-sit web tal-EDPS f'dan l-indirizz: https://edps.europa.eu/.

## Kuntatt

34. Fil-każ li parteċipant jixtieq jirtira l-approvazzjoni tat-Termini u l-Kundizzjonijiet, jista' jikkuntattja lill-Unità tal-Komunikazzjoni Strateġika tal-Kummissjoni Ewropea tad-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni fuq dan l-indirizz: COMM-SOCIAL-MEDIA-TEAM@ec.europa.eu.
35. Fil-każ li parteċipant jixtieq jagħmel mistoqsijiet qabel jew wara li jibgħat il-filmat tiegħu, jista' jikkuntattja lill-Unità organizzattiva fuq dan l-indirizz: COMM-SOCIAL-MEDIA-TEAM@ec.europa.eu.